MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 527/2003

**Euro Freight Services Limited**

**Vs**

**Alu Finish Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erba' u disghajn lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm294.76), bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta konvenuta lil Euro Freight Services Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta attrici.

Ra n-nota tas-socjeta attrici li permezz taghha rrinunzjat ghat-talba u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li s-socjeta konvenuta ma kkontestatx il-kawza u lanqas dehret ghas-seduti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-meritu, u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez relatati ma' dawn il-proceduri.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------